MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 451/2005

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**

**Michelle Sophia Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm215.49), bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9948 8801.**

**Il-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-23 ta' Gunju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u disgha u erbghin centezmu (Lm215.49) bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------